**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

10 ta' April, 2022

# IL-PAPA F'TA' PINU

Eluf ta' Għawdxin kellhom ix-xorti jaraw lill-Papa Franġisku meta ġie hawnhekk f'Għawdex nhar is-Sibt li għadda. In-nies ġew bi ħġarhom ġewwa l-misraħ ta' Pinu u stennew il-Papa fit-triqat biex jagħtuh merħba ta' fidi. Il-Papa tkellem b'fommu imma wkoll bil-ġesti tiegħu. Min kien qrib tiegħu intebaħ li kien qed ibati fiżikament minħabba l-kundizzjoni li għandu.




Fiż-żjara tal-Papa ħarġu l-ilwien kollha tad-djoċesi tagħna, tħalltu nies ta' kull età, Għawdxin u barranin. Kienet kommoventi l-esperjenza li tat dik il-familja Għawdxija quddiem il-Papa.

Iż-żjara tal-Papa ħalliet traċċi żgħar ta' x'inhi l-Ġenna, meta aħna nifthu qalbna għall-Vanġelu. Kienu bosta dawk mill-parroċċa tagħna li ħadmu fl-organizzazzjoni u l-liturġija tal-jum. Prosit tassew lil dawn.

Fiż-żjara tal-Papa għamilna esperjenza emottiva mill-isbaħ. Issa ejjew niftakru li fid-diskors tiegħu, il-Papa għal xi 7 darbiet qalilna u fakkarna, li "l-ferħ tal-Knisja huwa li tevanġelizza"! Kif qalilna Franġisku, irridu nerġgħu lura għall-għeruq, u nimitaw lill-ewwel dixxipli li kienu jagħmlu minn kollox biex jiltaqgħu ma' Kristu fit-talb u r-riflessjoni fuq il-Kelma u li kienu jgħixu ta' aħwa ma' xulxin bl-akkoljenza.

Il-Papa qalilna li meta jiġu n-nies fi xtutna, irridu nġibu ruħna magħhom bħalma l-Maltin tal-imgħoddi ġabu ruħhom ma' San Pawl nawfragu.

***L-Arċipriet***

## ENGLISH CORNER

"Blessed is the king who comes in the name of the Lord. Peace in heaven and glory in the highest." [Luke 19:38]

Pope Francis on his recent visit to Malta, left us a profound message saying: "Those who believe they are upholding the faith by pointing their finger at others may have a certain 'religiosity', but they have not embraced the spirit of the Gospel, for they disregard mercy, which is the heart of God."

**AVVIŻI:**

**IL-BANDA MNARJA:** tixtieq tavża li l-kunċert tal-banda *Mater Dolorosa* ser isir nhar it-Tnejn 11 t'April fit-8:00pm fil-knisja.

**IL-MIXJA TAT-TBATIJA:** iż-żgħażagħ taċ-Ċentru sejrin jorganizzaw Via Sagra animata nhar it-Tlieta 12 t'April fit-8:00pm fil-knisja. Kulħadd huwa mistieden jattendi għal din is-siegħa ta' riflessjoni u talb. Dan il-mument jiġi konkluż bil-barka sagramentali.

**MILL-PATRIMONJU NADURI:** għadha kemm ġiet ippubblikata s-7 kartolina mill-kollezzjoni, li turi pittura antika ta' Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani li tinsab fis-sagristija tal-knisja tagħna. Din tista' tinkiseb mingħand il-Kan. Reuben Micallef matul dawn il-jiem.

**IĊ-ĊENA TAS-SINJUR FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN**

Il-ħinijiet tal-wiri se jkunu dawn:

**Ħadd il-Palm:** mid-9:30am sal-11:30am u mit-3:30pm sal-5:30pm

**It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa:** mis-6:00pm sat-8:00pm

**Ħamis ix-Xirka:** mis-6:00pm sal-11:00pm

**Il-Ġimgħa l-Kbira:** mid-9:30am sat-3:00pm

**VISTI TAS-7 KNEJJES MILL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu. Jitilqu minn ħdejn il-Museum fit-8:00am. Il-ġenituri, ħbieb u benefatturi huma mistiedna jingħaqdu mal-membri, it-tfal u ż-żgħażagħ għal din it-tradizzjoni qaddisa.

**WERAQ AĦDAR:** min għandu xi weraq aħdar (bħall-bella donna u affarijiet simili) li nistgħu nużawh għal mal-fjuri tal-Ġimgħa l-Kbira, nistednukom iġġibuh fis-sagristija tan-naħa tat-Tramuntana sa nhar it-Tnejn fl-10:00am.

**ĠILJI GĦALL-ARTAL TAR-REPOŻIZZJONI:** nitolbu lil dawk li għandhom ġilji (buqari) biex iġibuhom il-knisja għas-sepolkru nhar it-Tlieta filgħodu u filgħaxija xħin tkun miftuħa l-knisja. Jekk possibbli ġibuhom f'kontejner bi ftit ilma, anke fi fliexken li taqtgħulhom l-għonq.

**IL-KUMITAT PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA** jixtieq javża:

- Lil dawk kollha (reffiegħa, forċini, fratelli u persuni tal-wegħdi) li ser jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, sabiex nhar il-Ġimgħa l-Kbira jkunu l-knisja sal-5:30pm għall-aħħar tħejjijiet.
- Lir-residenti ta' dawk it-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li huma mħeġġa sabiex iżejnu l-faċċati u t-twieqi tagħhom bi xbihat, dwal u xemgħa.

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ:** il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka tkun fil-5:30pm waqt li l-Funzjoni Liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira tkun fl-4:30pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am